Ħadd wara Għid il-Ħamsin

# It-Trinità Qaddisa

**Solennità**

## Qari I

*Il-Għerf kien jeżisti sa minn qabel ma nbdiet l-art.*

Prov 8, 22-31

**Qari mill-Ktieb tal-Proverbji**

Dan jgħid il-Għerf ta' Alla:
22«Il-Mulej kellu lili sa mill-bidu ta' għemilu,
sa minn qabel l-eqdem għemejjel tiegħu.
23Sa minn dejjem twaqqaft, mill-bidu, qabel ma nbdiet id-dinja.

24Kien għad m'hemmx l-ibħra l-kbar,
meta tnissilt jien, kien għad m'hemmx għejun inixxu l-ilma;
25qabel ma tqiegħdu l-muntanji, qabel l-għoljiet jien twelidt.
26Kien għadu ma għamilx l-art bir-raba' tagħha,
u lanqas l-ewwel traba tal-art.

27Meta ħejja s-smewwiet jien kont hemm,
meta ħażżeż dawra fuq wiċċ il-baħar kbir,
28meta saħħaħ is-smewwiet hemm fuq,
u qiegħed fis-sod in-nixxigħat ta' qiegħ il-baħar;
29meta ħażżeż trufijiet il-baħar, biex l-ilmijiet ma jaqbżux trufhom;
meta qiegħed sisien l-art,
30jien kont maġenbu bħala tfajjel, l-għaxqa tiegħu,
jum wara ieħor, nitliegħeb il-ħin kollu quddiemu;
31nitliegħeb fuq l-art imħejjija għall-bnedmin,
nitgħaxxaq b'ulied il-bnedmin.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 8, 4-5.6-7.8-9

R/. (2a): Mulej, Sid tagħna, kemm hu kbir ismek fl-art kollha!

4 Inħares lejn is-smewwiet, għemil subgħajk,
il-qamar u l-kwiekeb li int qegħedt fihom!
5 X'inhu l-bniedem biex tiftakar fih,
bin il-bniedem, biex taħseb fih? R/.

6 Ftit inqas mill-allat għamiltu,
bis-sebħ u l-ġmiel żejjintu,
7 qegħedtu fuq l-għemejjel kollha ta' jdejk! R/.

Kollox taħt riġlejh qegħedtlu:
8 in-nagħaġ u l-baqar kollha, sal-bhejjem tax-xagħri;
9 l-għasafar tal-ajru u l-ħut tal-baħar,
dak kollu li jterraq fil-baħar. R/.

# Qari II

*Ma' Alla, bi Kristu bis-saħħa tal-imħabba li ssawbet fi qlubna permezz tal-Ispirtu s-Santu.*

Rum 5, 1-5

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani**

Ħuti, [1]issa li aħna ġġustifikati bil-fidi, għandna s-sliem ma' Alla,
permezz ta' Sidna Ġesù Kristu; [2]permezz tiegħu għandna d-dħul
bil-fidi għal din il-grazzja li fiha qegħdin. Aħna niftaħru bit-tama li
għandna li għad niksbu l-glorja ta' Alla.

[3]Mhux biss dan: imma niftaħru wkoll bis-sofferenzi, għax nafu li
s-sofferenza ġġib is-sabar, [4]is-sabar irawwem il-ħila, il-ħila t-tama.

[5]U din it-tama ma tqarraqx bina, għax l-imħabba ta' Alla ssawbet fi
qlubna permezz tal-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

ara Apok 1, 8

Hallelujah. R/. Hallelujah
Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu,
lill-Mulej Alla, li hu, u li kien, u li għad irid jiġi.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Dak kollu li għandu l-Missier huwa tiegħi.*
*L-Ispirtu jieħu minn dak li hu tiegħi u jħabbru lilkom.*

Ġw 16, 12-15

## ✠ Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: 12«Baqagħli ħafna
ħwejjeġ x'ngħidilkom, imma għalissa ma tifilħux għalihom. 13Meta
jiġi hu, l-Ispirtu tal-verità, iwassalkom għall-verità kollha; għaliex hu
ma jgħid xejn minn tiegħu, imma jgħid dak li jisma', u jħabbrilkom
il-ġejjieni.

14Hu jagħtini glorja, għaliex jieħu minn dak li hu tiegħi u jħabbru
lilkom. 15Dak kollu li għandu l-Missier huwa tiegħi. Għalhekk għedt
li jieħu minn dak li hu tiegħi u jħabbru lilkom.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu